# SME HELPDESK

**PUBBLIKAZZONI 16**
**6 TA' MEJJU 2015**

## Qatt smajtu bil-"PRS for Music"?

Ħbieb,

Illum għażilt li inkellimkom ftit dwar suġġett partikolari, li mhux bilfors kulħadd jaf x'inhu jew sema dwaru. Ser ngħaddilkom ftit informazzjoni dwar il-PRS.

Skond il-*Malta Copyright Act (chapter 415)* ċerti negozji huma obbligati li jkollhom permess mingħand il-*copyright holder*, sabiex ikunu jistgħu jsemmgħu mużika fil-pubbliku. Isemmgħu ifisser, idoqqu CDs, MP3s, radju, internet, jew mużika "live", liema mużika tkun qed tindaqq f'xi business environment, fejn ikunu jistgħu jisimgħuha l-konsumaturi, jew saħansitra anke l-impjegati. Dan il-permess mingħand il-copyright owners, jista' jiġi akkwistat, bi ħruġ ta' licenzja apposta.

**Iżda min għandu bżonn li jkollu liċenzja simili?**

Eżempji ta' negozji li għandhom bżonn li jkollhom din il-liċenzja:

- Restoranti
- *Bars / nightclubs*
- *Hotels / guesthouses*
- *Live music venues*
- *Music festivals and events featuring music*
- *Hair and beauty salons*
- *Cinemas*
- Ħwienet u stores
- Uffiċini u fabbriki
- U oħrajn

Għal aktar informazzjoni dwar it-tipi ta' negozji li għandhom bżonn din il-liċenzja magħrufa bħala *PRS for Music license*, tistgħu issibuha fuq is-sit elettroniku www.prsformusic.com/malta, jew

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR

billi tagħmlu kuntatt bl-email fuq malta@prsformusic.com.

**Xi tfisser "PRS for Music"?**

*"PRS for Music"* tfisser *Performing Right Society Ltd*.

Din hi organizazzjoni imwaqqfa sabiex timmaniġġja id-drittijiet ta' persuni involuti fil-kreazzjoni ta' biċċiet tal-mużika (per eżempju kompożituri, *songwriters*, u *music publishers*). Fi ħdan din l-organizzazzjoni insibu xejn inqas minn 100,000 membru minn madwar id-dinja kollha inkluż Malta.

Il-missjoni ta' din l-organiżazzjoni hi, li tħares u tassigura li l-awturi tal-mużika jitħallsu tad-drittijiet esklussivi tagħhom, meta xi ħadd jagħmel użu jew idoqq bċejjeċ tal-mużika tagħhom.

Hemm diversi miżati, li huma marbuta ma' din il-liċenzja, liema miżati jvarjaw skond il-ġeneru tan-negozju, u skond fejn u kif tkun qed tindaqq il-mużika.

L-aġenti f'Malta huma Dingli Co International Ltd., li jinsabu fi 18/2 Triq Nofs in-Nhar, il-Belt Valletta.

**X'qed tagħmel l-MEA?**

Bħala SME Helpdesk tal-MEA, wara li ġejna ikkuntattjati sabiex niċċekkjaw xi affarijiet, bħalissa qegħdin insegwu l-andament u l-proċeduri li qed jiġu applikati sabiex jinġabru dawn il-flus, u qegħdin f'kuntatt kontinwu mal-Ministeru responsabbli mis-settur tan-negozji żgħar f'pajjizna, sabiex jekk hemm lok ta' titjib, u aġġustamenti ta' kif titħaddem din is-Sistema, aħna inkunu minn ta' quddiem nett sabiex niddefendu lis-sidien tan-negozji, u nsemmgħu leħinkom.

Nappella lil kull min esperjenza ħażin jew tajjeb din il-proċedura, min ġa akkwista il-liċenzja u qed f'konformita mal-liġi, min forsi kellu xi esperjenza negattiva u jixtieq jaqsamha magħna jew min forsi għadu xi ftit xettiku dwar jekk għandux japplika jew le, napprezzaw jekk jagħmel kuntatt u jaqsam il-ħsibijiet tiegħu/a, magħna.

Aktar ma jkollna nformazzjoni minn għandkom, aktar inkunu kapaċi nitkellmu f'isimkom, u b'hekk, ikollna aktar ċans li nirrappreżentawkom fil-laqgħat li qed ikollna sabiex nirriżolvu problemi li jista jkun li jeżistu, u li forsi qed ixekklu l-operat tagħkom fin-negozju.

Nistenna li nisma' minn għandkom ma ndumx.

Tislijiet

Anton

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES



ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com